MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2017

Rikors Maħluf Numru 93/15LM

**Angelo Saliba (K.I. 424331M), Vincent Saliba (K.I. 504441M), Lorenza *sive* Lorna Curmi (K.I. 92967M), Mary Caruana (K.I. 156071M), Antonella Montford (K.I. 486978M), Lorraine Saliba (K.I. 36469M), Saviour *sive* Sammy Saliba (K.I. 503370M), Astrid Zahra (K.I. 70277M), u b'digriet tal-14 ta' Jannar, 2016 saret it-trasfużjoni tal-ġudizzju fil-persuna ta' Lawrence Saliba (K.I. 600657M), Giuseppe Saliba (K.I. 262461M) u George Saliba (K.I. 410563M) minflok il-parti l-mejta Angelo Saliba**

***vs.***

**Josephine Saliba (K.I. 99866M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-30 ta' Jannar, 2015 mill-atturi **Angelo Saliba, Vincent Saliba, Lorenza *sive* Lorna Curmi, Mary Caruana, Antonella Montford, Lorraine Saliba, Saviour *sive* Sammy Saliba u Astrid Zahra (K.I. 70277M)** (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), debitament maħluf minn Vincent Saliba, li jgħid kif ġej:

*ILLI r-rikorrenti Angelo Saliba u Vincent Saliba huma l-aħwa tad-defunta Josephine Camilleri;*

*ILLI r-rikorrenti Lorenza sive Lorna Curmi, Mary Caruana u Antonella Montford huma n-neputijiet tad-defunta, ulied il-mejjet Joseph Saliba li kien ukoll ħu d-defunta;*

*ILLI r-rikorrenti Lorraine Saliba, Saviour sive Sammy Saliba u Astrid Zahra huma wkoll neputijiet tad-defunta, ulied il-mejjet Remigio Saliba, li ukoll kien ħu d-defunta;*

*ILLI d-defunta Josephine Camilleri ġiet nieqsa nhar id-disgħa u għoxrin ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (29.8.2014), fl-età ta' erbgħa u tmenin sena (84); kienet armla u ma kelliex ulied;*

*ILLI l-konvenuta hija wkoll neputija tad-defunta, li ġiet innominata bħala werrieta universali u proprjetarja assoluta ta' Josephine Camilleri, permezz ta' testment in atti tan-Nutar Dottor Anne Maria Tonna, datat 13 ta' Mejju, 2014 (Dok A[1]);*

*ILLI l-intimata ġiet nominata l-unika eredi u werrieta universali u kif ser jirriżulta mill-atti tal-kawża, l-assi li wirtet huma konsiderevoli;*

*ILLI fl-aħħar sena ta' ħajjitha, d-defunta ma kelliex u ma kinitx tippossjedi l-fakultajiet mentali rikjesti mil-Liġi sabiex tiddisponi liberament minn ħwejjiġha għal wara mewtha, b'mod li minħabba tali kundizzjoni ma setgħetx tapprezza dak li kienet qed tagħmel;*

*ILLI l-atturi ser jipprovaw kif fl-aħħar żmien ta' ħajjitha, id-defunta kienet bedridden u fiżikament u mentalment dipendenti;*

*ILLI per konsegwenza tal-istat mentali tal-istess Josephine Camilleri dan it-testment huwa null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi;*

*Għaldaqstant, tgħid il-konvenuta għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara u tiddeċidi illi l-imsemmija Josephine Camilleri ma kinitx kapaċi tagħmel it-testment tat-13 ta' Mejju, 2014 fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna, u dana minħabba li ma kinitx tippossjedi l-fakultajiet mentali rikjesti mil-Liġi b'tali mod li ma setgħetx tapprezza dak li qiegħda tagħmel;*

[1] A fol. 5 u 6.

2. *Konsegwentement tiddikjara l-imsemmi testment tat-13 ta' Mejju, 2014 null u bla effett;*

3. *Konsegwentement tordna lill-intimata sabiex fi żmien perentorju li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi, tirrestitwixxi lir-rikorrenti l-assi ereditarji kollha, kemm mobbli kif ukoll immobbli, appartenenti lid-defunta Josephine Camilleri;*

4. *Tordna li fin-nuqqas, li l-intimata tirrestitwixxi l-istess assi, tħallas lir-rikorrenti l-valur tal-assi ereditarji appartenenti lid-defunta Josephine Camilleri u dana occorrendo b'nomina ta' perit arkitett sabiex jistma l-istess assi, jekk ikun hemm il-ħtieġa;*

5. *Tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi kollha li l-istess Qorti jidhrilha xierqa u opportuna.*

   *Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuta li hija inġunta minn issa, in subizzjoni.*[2]

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Josephine Saliba** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta"), ippreżentata fl-4 ta' Marzu, 2015, fejn eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u l-kawża intentata hi waħda vessatorja u kapriċċjuża;*

2. *Illi, f'kull każ, jaggrava fuq l-atturi li jipprovaw pożitivament permezz ta' fatti preċiżi u univoċi li fil-mument tar-redazzjoni tat-testment d-defunta Josephine Camilleri kienet mentalment inkapaċi;*

3. *Illi l-provi fir-rigward iridu jkunu serji u rigorużi bażati fuq indizji gravi u mhux sempliċament konġetturi jew meri possibbiliajiet.*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

[2] Ġie esebit mar-Rikors Maħluf ċertifikat Dok. B, *a fol.* 7 ta' Dr J. Vella Baldacchino M.D., D. Spec. Psych., datat 12.5.2014.

Rat il-verbal tat-28 ta' Ottubru, 2016 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-25 ta' Jannar, 2017.

Rat id-digrieti tagħha tal-24 ta' Novembru, 2016 fejn ordnat, b'applikazzjoni tar-regoli dettati bl-artikoli 792 u 793 tal-Kap. 12, li tirrikjama r-Rikors Maħluf 437/2016JPG quddiem din il-Qorti sabiex jinstema' kontestwalment ma' dan ir-Rikors Maħluf u fejn ordnat li l-atti ta' din il-kawża jifformaw parti mill-atti tal-kawża Rikors Maħluf 437/2016.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Novembru, 2016 fejn irrevokat *contrario imperio* id-digriet tagħha mogħti fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru, 2016 fejn ħalliet il-kawża għas-sentenza għall-25 ta' Jannar, 2017 u minflok ħallitha għall-kontinwazzjoni.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Mejju, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

L-atturi huma ħut Josephine Camilleri, it-testatriċi defunta jew ulied ħutha mejtin, ċjoè neputijiet, filwaqt li l-konvenuta tiġi wkoll in-neputija tat-testatriċi defunta, ċjoè it-tifla tad-defunt Pawlu Saliba, ħu Josephine Camilleri wkoll. Josephine Camilleri kienet armla u ma kelliex ulied u kellha assi konsiderevoli. Meta mietet fit-28 ta' Awwissu, 2014 fl-età ta' 84, l-atturi ppretendew li lkoll kienu sejrin jirtuha għax jallegaw li d-defunta qatt ma riedet tagħmel testment. Iżda l-atturi saru jafu li fit-13 ta' Mejju, 2014, tliet xhur qabel mewtha, Josephine Camilleri kienet għamlet testment fejn ħalliet lill-konvenuta werrieta universali tagħha. Dan it-testment qed jiġi hawn attakkat bħala null u bla effett minħabba li meta sar, it-testatriċi ma kellhiex il-fakultà mentali rikjesta mil-liġi biex tagħmlu. Fi proċeduri separati (Rikors Maħluf Nru. 437/2016JPG), l-istess atturi pproċedew kontra l-konvenuta odjerna biex jattakkaw ukoll l-imsemmi testment għax ma sarx skont il-formalitajiet u r-rekwiżiti li trid il-Liġi. Din it-tieni kawża nstemgħet ukoll minn din il-Qorti kif preseduta kontestwalment ma' din il-kawża.

## Provi u riżultanzi

*Provi dwar l-istat mentali tat-testatriċi meta sar it-testment*

L-attur **Vincent Saliba**[3], ħu t-testariċi, jispjega kif hu kien jieħu ħsieb l-affarijiet tal-bank, tal-*income tax*, tal-pensjoni u affarijiet oħra tat-testatriċi wara li miet

[3] Affidavit, *a fol.* 20 sa 22.

żewġha sakemm kellha madwar 81 sena. Wara bdiet tieħu ħsieb kollox il-konvenuta. Vincent Saliba jsemmi li fil-bidu tal-2014 it-testatriċi sfat *bedridden* u l-konvenuta bdiet issakkar il-bieb tad-dar tat-testatriċi meta tmur ix-xogħol biex l-atturi ma jkollhomx aċċess għaliha, u dan sakemm staqsa lit-testatriċi jekk riditux jagħmel kopja taċ-ċavetta biex ikun jista' imur jaraha meta jrid, u din aċċettat mill-ewwel. Vincent Saliba jgħid li fl-aħħar xhur it-testatriċi bdiet tinsa ħafna u tħawwad. Xi kultant meta kien imur iqatta' xi ħin magħha, kienet tkun iċċassata. Isemmi in partikolari li darba oħtu t-testatriċi qaltlu li kienet ġiet mara għandha u ġabitilha karta biex tiffirmaha, iżda ma kinitx taf la min kienet din l-mara u lanqas kienet taf x'iffirmat. Wara sar jaf li oħtu kienet għamlet prokura f'isem l-konvenuta.

**Lorenza *sive* Lorna Curmi**[4], neputija tat-testatriċi, fix-xhieda tagħha tikkonferma li fil-bidu tal-2014 it-testatriċi spiċċat *bedridden* u bdiet tħawwad ħafna. Ix-xhud issemmi li meta kienu xebbiet hi u l-konvenuta kienu jgħinu lil żijithom, però meta li t-testatriċi spiċċat fis-sodda, il-konvenuta ma kinitx tkun trid li ħaddieħor jieħu ħsiebha ħlief hi. Ix-xhud tgħid li kull meta riedet tmur tara lil zijitha, kull darba kien ikollha toqgħod iċempel lill-konvenuta biex meta tmur, ikun hemm min jiftħilha għax hi ma kellhiex ċavetta u ma setgħetx tidħol fid-dar ta' zijitha. Lorna Curmi tgħid li meta kienet tinżel ħdejn Josephine Camilleri wara li spiċċat *bedridden*, ta' spiss kienet titfixkilha ma' ħutha u tgħajjtilha b'isem ħutha. Kienet tirrepeti ħafna l-istess domandi, pereżempju tistaqsiha xi tkun sajret u tweġibha u wara ftit terġa' tistaqsiha l-istess ħaġa. Ix-xhud tgħid li zijitha mietet waħidha għax dakinhar Josephine Saliba kienet xogħol u għalhekk meta mietet zijitha la kellha tabib u lanqas

[4] Affidavit, *a fol.* 23 sa 25.

qassis biex jagħmilha l-Griżma. Kien biss wara li l-konvenuta spiċċat mix-xogħol u marret lura d-dar li sabet lil zijitha mejta.

Xehdet ukoll **Catherine Degabriele**[5], neputija oħra tat-testatriċi, li tgħid li għall-ħabta tal-2013 bdiet tinduna li zijitha bdiet tinsa, u meta kienet tixtrilha xi ħut jew ikel ieħor, kemm-il darba kienet tinsa tħallasha. Catherine Degabriele ssemmi li l-fiżjoterapista li kienet tmur għand iz-zija, kienet semgħetha tgħid li z-zija kellha bżonn ħafna għajnuna u biex ma jħalluhiex waħedha għax kellha bidu ta' dimenzja. Il-fiżjoterapista qalet li kienet taf x'qed tgħid għax meta timxi z-zija kienet tinsa liema pass kellha tagħmel. Qabel ma telqet il-fiżjoterapista kienet ordnatilha l-*walking frame* u l-*comode* biex ikunu viċin tas-sodda. Ix-xhud tgħid li jiddispjaċieha kif kienet spiċċat zijitha, għadma u ġilda u kif kellha tmut, fuq sodda waħidha, ġo rokna ta' kċina, mingħajr kumdità ta' xejn, meta kellha dak il-ġid kollu.

Xehed ukoll **Joseph Saliba**[6] neputi ieħor tat-testatriċi, li jgħid li fl-aħħar xhur jiftakar liz-zija bilkemm kienet titkellem u kienet kważi l-ħin kollu tongħos. Missier ix-xhud kien jipprova jgħidilha xi ħaġa, iżda hi kienet tagħmel biss mossi b'rasha.

L-attriċi **Antonella Montford**[7]**,** neputija oħra tat-testatriċi, tirrakkonta li wara li kienu saru jafu li z-zija kienet marret lura u spiċċat fis-sodda *bedridden*, hi u oħtha kienu marru jarawha, kienu sabuha mkebba f'rokna ġos-sodda,

[5] Affidavit, *a fol.* 26 sa 30.
[6] Affidavit, *a fol.* 31 sa 32.
[7] Affidavit, *a fol.* 33 sa 34.

b'xagħarha kollu mqanfed u z-zija kienet staqsitha għal ommha, meta din kienet ilha mejta xi erba' snin.

Xehed ukoll l-attur **Salvino *sive* Sammy Saliba**[8], neputi ieħor tat-testatriċi, li jgħid li kien sar jaf bl-istat ħażin ta' saħħet zijtu fil-bidu tal-2014 minn xi familjari tiegħu u ma kienx reġa' mar jaraha għax jgħid li ma xtaqtx jaraha f'dak l-istat ħazin. Apparti minn hekk iz-zijiet u l-kuġini l-oħra kienu jgħidulu li lanqas kieku ried ma seta' jmur jaraha, għax Josephine Saliba kienet iddeċidiet li tieħu ċ-ċavetta tal-post u ssakkarha minn filgħodu kmieni sakemm tasal lura mix-xogħol u qisu biex tmur tara z-zija ridt tagħmel appuntament ma' Josephine Saliba.

Fix-xhieda tagħha l-attriċi **Lorraine Saliba**[9] neputija oħra tat-testatriċi, għalkemm tgħid li minn mindu zijitha spiċċat *bedridden,* kienet qisha oġġett f'idejn il-konvenuta u missier il-konvenuta, Pawlu Saliba, hi tgħid li ma tantx kienet tmur taraha minħabba li hi u ħutha kellhom ix-xogħol u ma tgħidx jekk hi qattx ratha personalment fl-istat li kienet fl-aħħar xhur ta' ħajjitha.

Fix-xhieda tagħha **Angela Bartolo**[10], oħt ir-raġel tat-testatriċi, tafferma li r-raġel tat-testatriċi meta kien ħaj, minn dejjem ried jagħmel testment għax kien jibża' li l-familjari tat-testatrici jkeċċuh 'il barra mid-dar ta' martu jekk din tmut qablu, għax martu qatt ma riedet tagħmel testment.

---

[8] Affidavit, *a fol.* 35 sa 36.
[9] Affidavit, *a fol.* 37.
[10] Affidavit, *a fol.* 45A.

Fix-xhieda tagħha **Mary Grace Camilleri** ħabiba tat-testatriċi, tgħid[11] li meta marret iżżur lit-testatriċi ftit jiem qabel ma ġiet nieqsa, setgħet tara li kienet fi stat ħażin ħafna, fis-sodda, totalment tiddependi minn ħaddieħor u anke l-kapaċità mentali tagħha kienet marret lura. Tant hu hekk, meta marret iżżurha lanqas biss kellmitha u bdiet tħares fil-vojt.

Xehdet ukoll **in-nutar Anne Marie Tonna**[12], in-nutar li rrediġiet it-testment tat-testatriċi Josephine Camilleri fit-13 ta' Mejju, 2014. Ix-xhud tgħid li Josephine Saliba kienet marret l-uffiċċju tagħha ż-Żejtun u qaltilha li z-zija tagħha xtaqet tagħmel testment u peress li qaltilha li z-zija kellha 'l fuq minn tmenin sena, esiġiet li jkun hemm ċertifikat psikjatriku u tatha appuntament fit-tul biex tilħaq iġġib dan iċ-ċertifikat psikjatriku li fil-fatt ġie anness mat-testment. Ix-xhud tgħid illi xi sitta, seba' xhur qabel kienet marret id-dar ta' Josephine Camilleri biex tagħmel prokura. Ix-xhud tgħid li dakinhar li marret għand it-testatriċi biex tagħmel it-testment, kulma qaltilha Josephine Camilleri kien li tixtieq tagħmel testment u li fih tixtieq tħalli bħala werrieta tagħha lil Josephine Saliba: "dik biss kienet ix-xewqa tagħha għaliex hi qalet li ddur biha u hekk jiġifieri. Basically daqshekk. Ma qalitx irrid nelimina lil xi ħadd għal xi raġuni... Qalet li dik kienet ix-xewqa tagħha." Dan ġie kkonfermat miż-żewġ xhieda tat-testment, **in-nutar Melanie Cassar Darmanin**[13] u r-raġel tagħha **Stephen Cassar**.[14] Ix-xhud Dr Melanie Cassar Darmanin tgħid illi t-testatriċi kienet pjuttost normali u meta ratha x-xhud osservat li "din il-mara qed tifhem x'inhu jiġri." Ix-xhud tgħid li xi kultant tispjegalhom lit-testaturi u jkollhom dik il-ħarsa *blank*, imma Josephine Camilleri ma kinitx hekk imma kienet alerta.

[11] Affidavit, *a fol.* 45.
[12] *A fol.* 50 sa 63.
[13] *A fol.* 64 sa 69.
[14] *A fol.* 70 sa 74.

Ix-xhud in-nutar Anne Marie Tonna tgħid li ma kellhiex idea dwar il-konsistenza tal-assi tat-testatriċi u lanqas ta' min jiġi minnha. Tgħid ukoll li t-testatriċi l-ewwel ikkomunikat magħha il-*particulars* tagħha, imbagħad ix-xewqa tagħha li tħalli lil Josephine Saliba bħala werrieta tagħha. Ix-xhud tgħid li t-testatriċi kkomunikat magħha u ma kienx hemm diffikultà biex tasal għad-dispożizzjonijiet li hemm fit-testment. In-nutar Anne Marie Tonna tgħid ukoll li l-istat ta' saħħa tat-testatriċi, li ma tantx kienet *mobile*, anki hi nnutatu, imma dan ma kienx ifisser li mentalment ma setgħetx tagħmel testment. Ix-xhud tikkonferma li t-testatriċi kienet mentalment tajba għax kulma hemm miktub fit-testment huwa dakollu li kienet qaltilha t-testatriċi, kemm għall-*particulars*, isem missierha, kunjomha xebba u kemm li l-werrieta tagħha għandha tkun Josephine Saliba. Ix-xhud tgħid li ċ-ċertifikat psikjatriku li ġie anness mat-testment kien wieħed dettaljat u bħala kapaċità testamentarja, imxiet fuq iċ-ċertifikat għax hi sintendi m'għandhiex kwalifiċi biex tiċċertifika s-saħħa mentali, għalkemm tikkonferma li t-testatriċi ikkomunikat magħha bla ebda diffikultà.

Flimkien mar-Rikors Maħluf tal-atturi ġie prodott ċertifikat tal-psikjatra **Dr Joseph Vella Baldacchino**[15] li ċċertifika l-istat mentali tat-testatriċi Josephine Camilleri ġurnata qabel ma għamlet it-testment. Iċ-ċertifikat ta' Dr Joseph Vella Baldacchino ġie fil-fatt anness mat-testment tat-testatriċi in atti tan-Nutar Dottor Anne Maria Tonna, datat 13 ta' Mejju, 2014.[16] Fiċ-ċertifikat tiegħu Dr Vella Baldacchino jgħid li kellem lit-testatriċi u kienet ben orjentata kemm fuq ħin, post u persuna. Josephine Camilleri wieġbet għall-kwazi d-domandi kollha li għamlilha u dehret li fehmet is-sinifikat ta' x'inhu testment.

[15] *A fol.* 7, datat 12.5.2014.
[16] *A fol.* 5 u 6.

Josephine Camilleri setgħet tiftakar l-ismijiet ta' min jiġi minnha u l-proprjetà li għandha. Dr Vella Baldacchino jispiċċa ċ-ċertifikat billi jgħid:

> *"She was found to be free of any psychiatric illness that impairs her cognitive functioning. Her judgement and cognitive function were well preserved. In my opinion Ms. Camilleri has full testamentary capacity."*

Meta xehed *viva voce*, il-psikjatra Vella Baldacchino[17] ftit li xejn ftakar peress li kienu għaddew sentejn u ma żammx notamenti tal-eżami kliniku li għamel lit-testatriċi Josephine Camilleri u din il-viżta kienet *one off* bħal ħafna oħrajn. Ix-xhud jgħid li probabbilment Josephine Camilleri ma kinitx pazjenta tiegħu u x'aktarx li kien raha dakinhar biss.

*Provi u riżultanzi oħrajn*

Xehdet ukoll **Ruth Mangion** impjegata ta' HSBC Bank (Malta) Plc (minn issa 'l-HSBC)[18], li qalet li t-testatriċi Josephine Camilleri kienet ħatret lill-konvenuta Josephine Saliba bħala prokuratriċi tagħha permezz ta' prokura ġenerali datata 21 ta' Frar, 2012 u permezz ta' prokura speċjali datata 29 ta' Mejju, 2012. Iż-żewġ prokuri ġew tranżuntati fl-atti tan-nutar Anne Marie Tonna[19], li kienet ukoll in-nutar li rrediġiet it-testment tat-testatriċi Josephine Camilleri tat-13 ta' Mejju, 2014. It-tieni prokura kienet saret speċifikatament biex ikunu jistgħu isiru tranżazzjonijiet bankarji f'isem t-testatriċi, inkluż trasferimenti permezz tal-*internet banking.* Jirriżulta li kien hemm trasferiment minn kont

[17] *A fol.* 171 u 173.
[18] *A fol.* 174 sa 179 u *a fol.* 235 sa 236.
[19] *A fol.* 180 *retro* u *a fol.* 181.

tat-testatriċi (*account no.* 056-028921-050) għal kont ieħor tal-istess testatriċi (*account no.* 056-028921051) fis-somma ta' €146,000. Minn wieħed minn dawn il-kontijiet kienu qegħdin isiru *withdrawals* permezz tal-ATMs ta' €600 kuljum u kien hemmhekk li mill-*branch* tal-HSBC taż-Żejtun intalab l-intervent tal-Investigation and Fraud Section tal-bank, 'il għaliex normalment f'każ ta' prokura mogħtija minn anzjana jinġibdu flus għall-bżonnijiet ta' kuljum u mhux f'dawk l-ammonti kbar li bdiet tiġbed il-konvenuta.

Xehdet ukoll **Rita Farrugia**[20] Fraud and Investigation Manager tal-HSBC li qalet li l-każ għadda f'idejha f'Mejju, 2014 mill-*branch* taż-Żejtun wara li dawn innutaw li kien hemm transazzjonijiet fil-kontijiet tat-testatriċi li kienu qiesu ma tantx kienu jagħmlu sens. L-aktar ħaġa li għokritilha għajnejha kien il-fatt li kien hemm ħafna ATM *transactions, withdrawals* ta' €600 kuljum. Ix-xhud flimkien mal-assistent tagħha John Galea kienu marru d-dar ta' Josephine Camilleri, l-*account holder,* biex jivverifikaw jekk kinitx taf bihom dawn it-transazzjonijiet u biex tispjega għaliex. Ix-xhud tgħid li meta marru d-dar ta' Josephine Camilleri, din kienet fis-sodda. Ix-xhud staqsiet lil Josephine Camilleri jekk kinitx taf x'bilanċi kellha mal-bank u t-tweġiba tagħha kienet le. Ma kinitx taf kemm għandha fil-kont u kulma qalet li għandha n-neputija tagħha Josephine Saliba li għandha prokura u tieħu ħsieb kollox hi. Ix-xhud tgħid li Josephine Camilleri la kienet taf kemm għandha flus il-bank, ma kinitx taf kemm kienu l-bilanċi, u kemm kien hemm ammonti ta' *withdrawals*, imma qalet li tafda u tħalli kollox f'idejn in-neputija li tieħu ħsiebha u li għandha l-prokura tagħha.

[20] *A fol.* 240 sa 245.

Ix-xhud Rita Farrugia tgħid ukoll illi kienu ltaqgħu ma' Josephine Saliba u peress li t-transazzjonijiet kienu saru minnha, talbuha tispjegalhom għalfejn kienu qegħdin isiru dawn it-transazzjonijiet. Ix-xhud tgħid li skont Josephine Saliba z-zija kienet qaltilha biex tiġbed dawn l-ammonti biex tgħin lill-kappillan jirrestawra xi kampnar tal-knisja. In segwitu għal dan il-*meeting*, il-bank kien iddeċieda li jwaqqaf l-*internet banking*, il-*Quick Cash card* u l-*withdrawals* u li l-uniċi *withdrawals* li kienu permissibbli kellhom isiru mill-*branch* u mhux mill-ATMs u ta' ċerti ammonti limitati li jagħmlu sens ma' kemm kellha pensjoni Josephine Camilleri biex tkun tista' tgħix.

Xehed ukoll **John Galea**[21] mill-Investigation and Fraud Section tal-HSBC li kien akkumpanja lil Rita Farrugia meta kellmet lit-testatriċi id-dar tagħha. Ix-xhud jgħid li meta Rita Farrugia kellmet lit-testatriċi rigward bilanċi, transazzjonijiet u kontijiet, "hi dejjem irrispondiet (li) tieħu ħsieb kollox t-tifla, ma taf xejn jiġifieri." Dan ix-xhud jgħid li meta għamlu *meeting* ma' Josephine Saliba u staqsewha fiex kienu qegħdin jintefqu l-flus, hija qalet li "z-zija tħobb tagħti ħafna donazzjonijiet. L-ewwel bdiet li qaltilna li z-zija riedet tiġbed xi *ten thousand* għax riedet tagħmel xi xogħol id-dar tagħha li qatt ma sar. Imbagħad issuġġeriet li terġa' tirritornahom lura l-bank. Imbagħad qaltilna wkoll li tagħti ħafna donazzjonijiet lill-Arċipriet minħabba s-saqaf tal-knisja u anke lid-Dar tal-Provvidenza."

Fit-12 ta' Mejju, 2014 fis-13:59 ix-xhud John Galea bagħat email lil Ruth Mallia (Żejtun Branch Manager)[22] fejn infurmaha li l-bank kien qed iwaqqaf il-faċilitajiet li kellha l-konvenuta bil-prokura ta' Josephine Camilleri, l-*internet*

[21] *A fol.* 248 sa 251.
[22] *A fol.* 247.

*banking*, l-*Quick Cash* u l-*withdrawals* mill-ATMs. Kumbinazzjoni dakinhar stess il-psikjatra Joseph Vella Baldacchino rrilaxxja ċ-ċertifikat mediku tiegħu wara l-eżami psikjatriku li qal li għamel fuq Josephine Camilleri. L-għada t-13 ta' Mejju, 2014 Josephine Camilleri għamlet it-testment tagħha inkwistjoni.

Xehdet ukoll in subizzjoni l-konvenuta **Josephine Saliba**.[23] Mistosija dwar l-ammonti li ġibdet mill-kontijiet ta' Josephine Camilleri, il-konvenuta ma kinitx taf bl-eżatt kemm kienet ġibdet u tgħid li reġgħet poġġiethom lura l-bank, imma ma kinitx taf tgħid kemm kien l-ammont li poġġiet lura. Tgħid biss li poġġiet lura l-flus li kienet tatha z-zija, għax il-flus ma kinitx iżommhom hi imma kienet iżommhom għandha z-zija u meta ġibdet il-flus, kienet iz-zija li qaltilha biex tiġbidhom. Il-konvenuta tgħid li l-iskop tal-prokura kien li z-zija xtaqitha tibda tmur il-bank biex issarfilha l-pensjoni. Kwantu għall-flus li ġew żbankati mill-kontijiet taz-zija permezz tal-ATMs, il-konvenuta tgħid li hija kienet tiġbed il-flus skont kif kienet tgħidilha biex tagħmel iz-zija.

## Kunsiderazzjonijiet legali

Il-Kodiċi Ċivili fl-artikolu 588 jiddefinixxi it-testment bil-mod kif ġej:

> "It-testment huwa att, li minnu nnifsu jista' jiġi mħassar, illi bih persuna, bil-mod li trid il-liġi, tiddisponi, għaż-żmien ta' wara mewtha, mill-ħwejjeġ tagħha kollha jew minn biċċa minnhom."

[23] *A fol.* 278 sa 284 u a fol. 302 sa 311.

F'sentenza studjata fl-ismijiet **Carmen Micallef *et* *vs.* Madalena Galea *et***[24], jingħata rendikont iddettaljat ta' kif il-Qrati tagħna żviluppaw il-kunċett ta' impunjazzjoni ta' testament minħabba n-nuqqas tal-kapaċità mentali tat-testatur jew testatriċi:

> "Din hi bażikament id-definizzjoni mogħtija minn Modestinus "*Voluntatis nostrae justa sententia de eo quod quis post mortem suam fieri voluit*". Din hija ħaġa tant importanti li infatti it-Toullier fil-*Commentario del Codice Civile*, Vol V, S. 343 li jirrileva li wara r-reliġjon, it-testment huwa l-akbar konfort għall-persuna li tkun waslet biex tmut. Fil-fatt il-kelma stess ta' testment hi bażata fuq moħħ lucidu ossija *testatio mentis*. Liġijiet differenti jippreskrivu limitazzjonijiet fuq il-forma u l-kundizzjonijiet tal-possibbiltà li tagħmel testment. Għall-kawża in eżami huwa ferm importanti dak li jippreskrivi l-artikolu 597(d) tal-Kap 16 dwar kapaċità testamentarja. Dan jgħid hekk:
>
> "597. Huma kapaċi[25] li jiddisponu b'testment:
>
> (d) dawk li, għalkemm mhux interdetti, ma jkunux f'sensihom fiż-żmien tat-testment;"
>
> Naturalment dan il-kliem iwassal għal ħafna interpretazzjoni fejn ma hemmx kwistjoni dwar moħħ san ma jkunx hemm problemi, iżda spiss huma applikati l-prinċipji dwar ir-razjonalità o meno tad-dispożizzjonijiet testamentarji (ara **Banks *vs.* Goodfellow** [1870], L.R. 5 Q.B. 549). Naturalment il-kapaċità testamentarja hija r-regola, l-inkapaċità tkun l-eċċezzjoni u din hija preżunzjoni li għandha tissussisti sakemm il-persuna li tipprova timpunja testment ma ġġibx provi sodisfaċenti kuntrarji. Infatti l-fatt li t-testatur ikun qed ibati minn xi diżordni mentali mhix suffiċjenti biex twaqqa' testment għax hemm ukoll li ħafna diżordnijat mentali jkollhom mumenti jew perjodi ta' luċidità. Hu neċessarju li kull każ jiġi eżaminat fuq il-fattispeċji partikolari. Naturalment kull Nutar li jippubblika testment ikun wasal għall-konklużjoni li t-testatur probabb-ilment għandu moħħ san. Biex testament jiġi impjunjat irid jiġi ppruvat li persuna ma kenitx f'sensiha fiż-żmien li sar it-testment.

[24] P.A. (CFS), 10.04.2013 konfermata mill-Q.A., 26.05.2017.

[25] *Recte*: It-test tal-liġi proprjament jgħid: "Huma inkapaċi li jiddisponu b'testment".

Spiss diversi awturi waslu għal qbil li għandu jiġi applikat il-prinċipju tal-unità u indiviżibilità tal-moħħ u l-konsegwenti insanità totali jekk ikun hemm diżordni mentali (ara f'dan is-sens Troplong – *Le droit civile expliquè,* Vol. II S. 451-457; u *Des Donations et des testa*ments (Vol. I, S. 451); kif ukoll M. Sacaze – *La folie consideree sans des rapport avec la capacitè civil* – p 16).

L-esperjenza tgħallem li jekk testatur ikun ibati minn diżordni mentali l-familjari, ħbieb u impjegati jagħmlu minn kollox b'wegħdiet u theddid biex iħajru lit-testatur jiddisponi mill-proprjetà tiegħu favurhom. Jingħad li din it-teorija tilfet ħafna mill-forza tagħha llum il-ġurnata għax mhux bil-fors li l-monomanija taffettwa l-kapaċità testamentarja (ara: **G. Grech *vs.* P. Dimech** – XIV, Deċ 180, pġ. 406; **Pirotta *vs.* Carbonaro** – XXII, Pt. I, pġ. 88; **C. Bartolo *vs.* G. Spiteri** – XLII, Pt. II, pġ. 1085; **J. Bonavia *vs.* G. Bonavia** – 20.10.1971.

Ara wkoll qrati esteri: **Banks *vs.* Goodfellow** – 1870, L.R. 5 Q.B., 549; ***Roma Corte d'Appello*** – 22.04.1950.

Min-naħa l-oħra Legrand Du Saule fix-xogħol tiegħu *Le foliex davant les Tribunaux* isostni li l-alluċinazzjonijiet m'għandhomx ikunu ta' ostakolu għad-dritt ta' persuna li tagħmel testment jekk ma kienux ta' influwenza fuq l-aġir tat-testatur jew ma bidlux l-affezzjonijiet tiegħu lejn in-nies ta' madwaru. L-istess awtur ikompli li wieħed irid jara jekk mingħajr raġuni fid-dispożizzjoni testamentarji t-testatur ħalliex lill-familjari mingħajr wirt jew iddeskriviex lill-istess familjari bħala għedewwa u dan minħabba li d-delużjonijiet ikollhom influwenza fatali fuq l-atti tat-testatur b'mod li l-kundizzjoni mentali tkun manka u t-testatur ma jkunx għadu aktar f'dak il-grad mentali neċessarju.

Pacifici Mazzoni jikteb li:

*"Il criterio pratico, veramente sicuro è questo: se la monomania ha determinato la persona a fare il testamento, deve decidersi che questa non era sana di mente in testando. Se al contrario la monomania non ha avuto parte alcuna nella dichiarazione dell'ultima volontà di essa si deve dire che testò sana di spirito."*

Wara l-istess awtur irrefera għal sentenza tal-Qrati Franċiżi (*Bordeaux* – 14.04.1836 – J.36) fejn it-testatur kien jemmem li ħuh u oħtu kienu l-kawża ta' sofferenzi fiżiċi tiegħu u li kienu jagħmlu atti djaboliċi ħalli hu ma jirkuprax u li riedu javvelenawh. Kien għalhekk li l-Qrati Franċiżi

kkonkludew li d-dispożizzjonijiet testamentarji tiegħu kienu riżultat tal-monomania li minnha kien qiegħed isofri.

Fid-diversi sentenzi ġew applikati aspetti diversi. Waħda minn dawn hija r-raġjonevolezza tad-dispożizzjonjiet testamentarji (ara **Vassallo *vs.* Sammut**, Vol. XXXIV, Pt. I, pġ. 108; u **Formosa *vs.* Axiak**, Vol.XXX, Pt. I, pġ. 176).

Spiss ġie ritenut li jekk il-kontenut ta' testment huwa raġjonevoli, wieħed kellu jippreżumi li t-testatur kien f'sensih meta għamel it-testment, filwaqt li jekk il-kontenut ma kienx raġjonevoli, din hija prova li t-testatur ma kienx f'sensih.

Kien għalhekk li l-qrati irritenew li anke persuna li tbati minn diżordni mentali xorta jkollha d-dritt tagħmel testment. Fi **Grech *vs.* Dimech**, Vol. XIV-180-406, ingħad:

*"Atteso che, secondo la legge, per determinare se la debolezza di mente sia a tale grado da doversi annullari gli atti della vita civile, in essa compiuti, devesi distinguere tra la varia indola e importanza degli atti medesimi; per il testamento non è richiesta una mente perfettamente rigorosamente sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permetta la coscienza di ciò che si fa, e per valutare i diversi gradi di debolezza di mente dei testatori per dedurne la capacità od incapacità di testare si deve avere riguardo alla ragionevolezza o meno delle disposizioni testamentarie."*

L-istess prinċipju jassumi aktar importanza meta r-razzjonalità tad-dispożizzjonijiet testamentarji huma wkoll motivati:

Fi **Grech *vs.* Dimech**, XV-55-95, ingħad:

*"Il miglior criterio per stabilire la sanità della mente del testatore, sono al certo la ragionevolezza delle sue disposizione, specialmente quando queste sono accompagnate dalla espressione delle ragioni date dal testatore nell'atto della fazione del testamento al funzionario incaricato della sua redazione, le quali si riconoscessero ragionevoli e savie".*

F'**Cassar *vs.* Cassar**: Vol: XXVIII, Pt. 11, pġ.393, ingħad:

*"Il miglior criterio sulla capacità mentale del testatore è la ragionevolezza delle sue disposizioni, specialmente quando il testatore ne avesse indicato le ragioni riconosciuti poi ragionevoli e savie".*

Anqas hu neċessarju li jiġi pruvat li kien hemm ġiusta kawza fid-dispożizzjonijiet, basta tali dispożizzjonijiet huma razzjonali. Infatti f'**Pirotta *vs*. Carbonaro**: Vol. XXII, Pt. 1, pġ.88, ingħad:

*"Uno dei criteri della sanità mentale del testatore è la ragionevolezza delle sue disposizioni e nella disposizione testamentarie non è necessaria la prova di una giusta causa."*

F'John **Pace *vs*. Carmela Chircop**, 04.06.1964, ingħad li:

"Id-diperiment fisiku u x-xjuħija waħidhom ma jwaqqgħux il-possess normali ta' *"a sound disposing mind*" li trid il-liġi. Jistgħu biss, flimkien ma' ċirkostanzi oħra, jkollhom influenza fuq il-"*libertas testandi*" rikjesta barra mill-kapaċità intellettwali. L-esperjenza tal-ħajja turi li l-perċezzjonijiet mentali jibqgħu ta' spiss jixgħalu fil-bniedem anki fl-aħħar sigħat ta' ħajtu għalkemm ir-resistenza tiegħu għaċ-ċirkonvenzjonijiet ta' ħadd ieħor tista' tiġi ferm imnaqqsa."

Għalhekk il-Qorti ħasset li t-tesment jista' ma jkunx null taħt l-aspett ta' kapaċità mentali iżda jiġi annullat minħabba inosservanza tal-formalitajiet essenzjali preskritti mil-liġi kif ukoll minħabba l-kaptazzjoni u suġġestjoni (ara **Pace *vs*. Chircop** dwar l-assi ta' Emmanuel Genovese; kif ukoll **Bonavia *vs.* Bonavia**, 20.10.1971).

Din il-Qorti kif presjeduta però tħoss li jekk id-dispożizzjonijiet ma humiex razzjonali, dan normalment għandu jwassal għall-konklużjoni li t-testatur ma kienx f'sensih fil-mument li għamel it-testment (ara wkoll **Agius *vs*. Muscat**, Vol. XVII, Pt. II, pġ. 5 fejn ġie ritenut li *"la irragionevolezza delle disposizioni del testamento può contribuire assieme ad altri fatti al criterio circa la insanità mentale del disponente");* iżda kuntrarju mhux neċessarjament iwassal għall-konklużjoni li kien f'sensih u dan minħabba l-fatt li l-istess Nutar li jkun qed jirrediġi t-testment f'sens ta' dover lejn xogħolu spiss jiprova li jagħmel kemm jista' jkun ċari l-imsemmija dispożizzjonijiet, imqar fil-forma, kif ċertament jekk ikun hemm xi ħaġa daqshekk stramba jiddiskuti mal-istess testatur il-konsegwenzi ta' dik id-dispożizzjoni. Għalhekk it-teorija tar-razzjonalità tad-dispożizzjonijiet testamentarji spiss mhix suffiċjenti biex wieħed jikkonkludi l-validità ta' testment. Ta' min jinnota li l-istess leġislatur ma nkludiex din bħala waħda mill-kundizzjonijiet fl-artikolu 597. Inoltre f'testment unica charta jista' jkollok testatur wieħed li ma jkunx f'sensih.

Teorija oħra spiss aċċettata hija dik bażata fuq l-intellett l-volontà tat-testatur. Ġie ritenut li persuna għandha l-kapaċità testamentarja purchè tifhem u tapprezza l-atti tan-nies ta' madwarha u l-effetti tal-azzjonijiet tagħha, u li kapaċi tifforma intenzjoni. Kif ingħad "*la sanità di mente suppone due condizioni – le spontanietà dell'atto e la piena coscienza li ciò che si fa* (ara **Abela *vs.* Gatt**, Vol. XVI – II-92). Ukoll f'**Gauci *vs.* Mercieca**, XXV-I-246, inghad:

*"Da queste due dispozizioni (294 e 295 Ordinanza 7 – 1868 Sezzjonijiet 596 u 597 tal-Kap 16) si deduce che per distruggere la prezunzione della validità del testamento è quindi per farsi luogo alla gravissima conseguenza della nullità del testamento, la prova che il testatore non si trovasse in condizioni di sanità di mente allorchè dispose dei suoi beni, dev'essere piena e rigorosa talmente da accertare che il disponente quando testava non aveva coscienza dell'atto che compiva ne volontà propria."*

Interessanti li tali prinċipju japplika taħt diversi liġijiet, anke fil-Polonja, ara Zygmunt Nagorski pġ 191, kif ukoll il-liġi Taljana, *Codice Civile* 591 u nfatti s-similarità bejn *intendere e volere, conscious and free decision*, u konoxxenza u volontà għandhom l-istess sinifikat. Kien hemm każijiet fejn din it-teorija ta' l-intellett u volontà ġiet applikata flimkien mat-teorija l-oħra tar-raġjonevolezza tad-dispożizzjonijiet testamentarji. Hekk kien il-każ fil-**Vassallo *vs.* Sammut**, XXXIV-I-108, fejn ingħad:

"Ir-raġjonevolezza tad-dispożizzjonjiet kontenuti fit-testment hija kriterju li għandu jwassal lill-Ġudikant biex jiddeċiedi dwar l-insanità mentali jew le tat-testatur, jiġifieri biex jiddeċiedi jekk filwaqt li kien qiegħed jagħmel it-testment it-testatur kellux koxxjenza biżżejjed ta' dak li kien qiegħed jagħmel u volontà li jiddetta dawk id-dispożizzjonijiet li hemm fit-testment".

L-Imħallef Caruana Curran **f'Bonavia *vs.* Bonavia**, Prim'Awla, 20 ta' Ottubru, 1971, kien stqarr:

"Hekk huwa inkapaċi minn fil-waqt tat-testment minħabba infermità mentali ma jkollux intendiment u volontà, u b'dan il-mod testment ma jkunx jirrispekkja l-koxxjenza u l-volontà tat-testatur."

Għalhekk huwa ferm importanti indipendentement minn kull kundizzjoni fiżika tat-testatur, inkluż età avvanzata, li t-testatur, meta jagħmel it-testment, jifhem li dak li jkun qiegħed iħalli fit-testment mill-istess proprjetà tiegħu jkun qiegħed iħallih lil ċerta persuna jew persuni,

li jifhem il-portata tal-estensjoni tal-assi tiegħu kif ukoll in-natura u l-effetti tal-att proprju (ara **Mifsud *vs*. Giordano**, XXXVIII- 404).

Interessanti ferm huwa dak li qal Lord Chief Justice Cockburn f'**Banks *vs.* Goodfellow**, fejn ingħad:

*"It is essential to the exercise of the powers of making a will that the testator shall understand the nature of the act and its effects; shall understand the extent of the property of which he is disposing; shall be able to comprehend and appreciate the claims to which he ought to give effect; and, with a view to the latter object, that no disorder of the mind shall poison the affections, pervert his sense of right, or prevent the exercise of his natural faculties; that no insane delusion shall influence his will in disposing of his property and bring about a disposal of it which, if the mind had been sound, would not have been made. No doubt when the fact that a testator has been subject to any insane delusion is established, a will should be regarded with great distrust, and every presumption should in the first instance be made against it. When an insane delusion has ever been shown to have existed it may be difficult to say whether the mental disorder may not possibly have extended beyond the particular form or instance in which it has manifested itself. It may be equally difficult to say how far the delusion may not have influenced the testator in the particular disposal of his property, and the presumption against a will made under such circumstances becomes additionally strong when the will is an inofficious one, that is to say, one in which natural affection and the claims of near relationship have been disregarded."*

Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 2010 fil-kawża fl-ismijiet **Carmen Josephine Cassar *vs*. Louis Naudi *et*** qalet:

"kif jinsab affermat sa minn żmien antik, *"l'uomo nello stato suo normale si presume ragionevole e sano di mente, fino a concludente prova in contrario. La prova contraria incombe all'opponente lo stato di sanità".*

Ara **Paolo Schembri *et vs.* Maria Galea *et***, Prim' Awla, Qorti Ċivili, 16 ta' Ottubru, 1883 per Imħallef Giuseppe Gasan. Inoltre, il-Qorti tikkwota, *"i nostri tribunali, basandosi sulla dottrina u la giurisprudenza in materia, sono stati sempre renitenti a pronunziare la nullità di un testamento per insanità mentale del testatore, ammenocchè tale incapacità consti positivamente da fatti precisi e univoci e non si verifichi al momento in*

*cui egli dettasse la sua ultima volontà".* Ara **Francesco Danastas *vs.* Salvatore Danastas**, Appell Ċivili, 28 ta' Mejju, 1926...;"

Tenut kont ta' din ir-rassenja ġurisprudenzjali, il-Qorti tislet minnha dawn ir-regoli li ġejjin li għandhom japplikaw għall-każ odjern:

1. Il-kapaċità testamentarja hija r-regola u l-inkapaċità hija l-eċċezzjoni; għalhekk l-inkapaċità jekk ma tkunx irriżultat b'mod ċert minn fatti preċiżi u univoċi, u ma jkunx ġie ppruvat li kienet teżisti fil-mument li t-testatur kien qiegħed jagħmel it-testment, it-testment ma jistax jiġi mħassar. Biex tiġi stabbilita l-insanità mentali tat-testatur hemm bżonn li jirriżultaw indizji gravi;

2. Meta testatur jagħmel testment irid jifhem l-effetti tat-testment, in-natura u valur tal-proprjetà li qiegħed jiddisponi minnha, min huma l-qraba, ħbieb u nies li ħaqqhom jibbenefikaw mill-proprjetà tiegħu kif ukoll li japprezza u jikkompara dak li għandu jħalli lil kull wieħed u waħda minnhom;

3. It-testatur irid ikollu l-intellett u l-volontà li jifhem l-azzjonijiet li jkunu qed jeżerċitaw in-nies ta' madwaru u l-kapaċità li jilħaq intenzjonijiet speċifiċi. Ir-razzjonalità tal-kontenut tat-testment mhijiex biżżejjed biex juri li hemm kapaċità testamentarja iżda n-nuqqas ta' razzjonalità spiss twassal għall-konklużjoni li t-testatur ma kellux *sound mind*;

4. Biex wieħed jagħmel testment ma hemmx bżonn *"una mente perfettamente e rigorosamente sana, ma basta quel limitato uso della*

*ragione che permetta la coscienza di ciò che si fa; e per valutare i diversi gradi di debolezza di mente dei testatori si deve aver riguardo alla ragionevolezza o meno delle disposizioni testamentarie"* (ara sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Turin tal-4 ta' Frar, 1871).

5. Li a tenur tal-artikolu 597(d) tal-Kap. 16 kif emendat bl-Att II.2012.15, huma inkapaċi li jiddisponu b'testment dawk li għalkemm mhux interdetti ikunu persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom fil-ħin li jsir it-testment. L-artikolu 597(d) tal-Kap. 16 ġie emendat fl-2012 fis-sens li minflok il-kliem "ma jkunux f'sensihom fiż-żmien tat-testment" kien daħħal il-kliem "jkunu persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom fil-ħin li jsir it-testment." L-għan ta' din l-emenda u ta' emendi oħrajn fl-Att II tal-2012 kien li jemenda diversi liġijiet li għandhom x'jaqsmu ma materji dwar id-diżabilità. Dan sabiex kien possibbli għal Malta li tirratifika l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. L-Att II tal-2012 isaħħaħ il-qafas leġiżlattiv li japplika għal persuni b'diżabilità sabiex dan isir aktar rilevanti għas-sitwazzjoni li jinsabu fiha llum il-persuni b'diżabilità.[26] Wara l-emenda bl-Att II.2012.15 mhuwiex aktar meħtieġ li biex persuna titqies li hi inkapaċi li tiddisponi b'testment li jiġi ppruvat mill-atturi li għalkemm ma kinitx interdetta, ma kinitx f'sensiha fiż-żmien tat-testment. Huwa biżżejjed li l-atturi jippruvaw li t-testatriċi kienet qed tbati minn diżordni mentali jew minn kundizzjoni oħra li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha fil-ħin li jsir it-testment tal-

[26] "Għanijiet u Raġunijiet - Abbozz ta' Liġi imsejjaħ Att biex jemenda diversi liġijiet li għandhom x'jaqsmu ma' Materji dwar id-Diżabilità" - Abbozz 85 tal-2011.

imsemmi. Għall-finijiet tal-imsemmi artikolu lanqas mhuwa meħtieġ li t-testatriċi tkun qiegħda ssofri minn xi diżordni mentali, imma huwa biżżejjed jekk ikollha xi kundizzjoni oħra li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ta' ħwejjiġha fil-ħin li jsir it-testment.

Għad illi Josephine Camilleri kienet ġiet ċertifikata mill-psikjatra Joseph Vella Baldacchino li ma kellha l-ebda marda psikjatrika li timpedixxi l-funzjoni konjittiva *(cognitive function)* tagħha u li fl-opinjoni tiegħu Josephine Camilleri kellha kapaċità testamentarja sħiħa, Dr Vella Baldacchino meta xehed f'dawn il-proċeduri ma ftakar xejn dwar l-eżami psikjatriku li kien għamel lil Josephine Camilleri u barra minn hekk ma kien żamm ebda notamenti li seta' jagħmel riferiment għalihom biex jixhed fuq liema bażi kien wasal għall-konklużjonijiet tiegħu. Ġaladarba meta kien fil-pedana tax-xhieda Dr Joseph Vella Baldacchino ma seta' jiftakar xejn dwar l-eżami psikjatriku li kien għamel lil Josephine Camilleri, allura ma setax jgħid jekk it-testatriċi kellhiex xi kundizzjoni li tagħmilha inkapaċi tieħu ħsieb ħwejjiġha fil-ħin li sar it-testment. Il-psikjatara Joseph Vella Baldacchino għal raġunijiet ovvji ma setax ikun jaf li fil-mument li kien qiegħed jirrilaxxja ċ-ċertifikat tiegħu, Josephine Camilleri ma kellhiex idea ta' x'qed jiġri minn flusha u li Josephine Saliba bi prokura mogħtija lilha minn Josephine Camilleri biex tkun tista' ssarfilha l-pensjoni, kienet qed tiżbanka eluf kbar ta' euro mill-kontijiet bankarji ta' Camilleri permezz ta' bosta *withdrawals* ta' €600 kuljum mill-ATMs. Dr Vella Baldacchino lanqas seta' jkun jaf li proprju dakinhar li huwa rrilaxxja ċ-ċertifikat mediku lil Josephine Camilleri, is-sezzjoni tal-frodi tal-HSBC kienet wasslet għall-konklużjoni li minħabba transazzjonijiet suspettużi da parti tal-konvenuta, kien waqqafha milli tkompli tiżbanka flus mill-kontijiet bankarji ta' Josephine Camilleri, ħlief għal ammonti raġonevoli meħtieġa biex l-anzjana

tkun tista' tgħix. Josephine Camilleri ma segħtetx tinforma lill-psikjatra b'dakollu għax ma kinitx taf x'qiegħed jiġri bi flusha u Josephine Saliba ovvjament ma kinitx ser tgħid lill-psikjatra bit-transazzjonijiet suspettużi li kienet qed tagħmel mill-kontijiet bankarji ta' Josephine Camilleri mal-HSBC.

Tqis illi Josephine Camilleri f'qiegħ ta' sodda, *bedridden*, bil-ħarqa mhux mibdula għal sigħat twal, maqfula waħedha f'darha kemm billejl u għall-ħinijiet twal fil-ġurnata f'post imwarrab b'ebda ġirien ma jgħixu viċin tagħha f'ambjent fqir u li ma jirriflettix il-ġid li kellha, ċertament dakollu juri li hija kienet persuna vulnerabbli għall-aħħar li kemm qabel u anki fil-ħin li għamlet it-testment, ma kinitx kapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha. Ix-xhieda ċertament indipendenti mill-partijiet ta' Rita Farrugia u John Galea, uffiċjali mis-sezzjoni tal-frodi tal-HSBC, jikkonfermaw li meta marru d-dar tat-testatriċi biex jistaqsuha għalfejn kienu nġibdu eluf kbar ta' euro mill-kontijiet bankarji tagħha, din mhux biss ma kinitx kapaċi twieġeb imma lanqas kellha l-iċken ħjiel ta' kemm kienu nġibdu flus mill-kontijiet bankarji tagħha u ta' x'bilanċi kien fadal fil-kontijiet tagħha. L-unika ħaġa li għarrfet tgħid Josephine Camilleri lill-uffiċjali tal-HSBC kienet illi n-neputija Josephine Saliba li kellha prokura tagħha, kienet tieħu ħsieb kollox hi.

Mhux biss t-testatriċi fil-ħin tat-testment ma kinitx kapaċi tieħu ħsieb ta' ħwejjiġha, imma lanqas Josephine Saliba, il-persuna li fdatha bil-prokura tagħha, assolutament ma kinitx qed tieħu ħsieb sew ta' ħwejjeġ l-anzjana, bl-iżbanki ta' eluf kbar ta' euro mill-kontijiet bankarji tagħha mingħajr ebda spjegazzjoni konvinċenti, meta l-iskop tal-prokura suppost kien biex issarfilha l-pensjoni. Evidentement Josephine Saliba ħadet vantaġġ u abbużat mill-vulnerabbilità tal-anzjana Josephine Camilleri billi ppruvat kemm setgħet

tiżolaha mill-bqija tal-familja biex din issir aktar dipendenti fuqha, ħallietha kkalzrata f'sodda *bedridden* flok ħadet ħsieb il-kura xierqa tagħha, u wara li żbankat eluf kbar ta' euro mill-kontijiet bankarji tal-anzjana, u wara li bank beda jinvestiga it-transazzjonijiet suspettużi tagħha, għaddiet għall-'plan B' fejn tiżgura li l-anzjana tħallilha ġidha kollu bit-testment.

Tqis illi l-konvenuta Josephine Saliba meta mitluba mill-uffiċjali tal-bank tispjega għalfejn ġew żbankati dawk l-ammonti kbar mill-kontijiet bankarji ta' Josephine Camilleri, mhux biss ma tatx tweġibiet konvinċenti, imma r-risposti tagħha kienu wkoll kontradittorji u inverosimili. Lanqas ħaġa li kellha tagħmel il-konvenuta biex tissostanzja l-allegazzjonijiet tagħha illi z-zija kienet tagħmel donazzjonijiet lill-Arċipriet taż-Żejtun għat-tiswija ta' xi kampnar jew saqaf tal-Knisja u lid-Dar tal-Providenza, kien li tippreżenta l-irċevuti ta' dawn id-donazzjonijiet jew li ttella' lill-Arċipriet jew lid-Direttur tad-Dar tal-Providenza biex jikkonferma dawn id-donazzjonijiet, xi ħaġa li naqset milli tagħmel.

Tqis illi għall-finijiet tal-artikolu 597(d) tal-Kodiċi Ċivili dak li jrid jiġi ppruvat mhuwiex l-inkapaċità testamentarja tat-testatriċi minħabba li ma kinitx tippossjedi l-fakultajiet mentali rikjesti mil-Liġi b'tali mod li ma setgħetx tapprezza dak li qed tagħmel. Bl-emendi li saru għall-artikolu 597(d) tal-Kap. 16 bl-Att II.2012.15, l-inkapaċità testamentarja tissussisti fejn jiġi ppruvat illi t-testatriċi fil-ħin tat-testment ma kinitx kapaċi tieħu ħsieb ta' ħwejjiġha minħabba xi diżordni mentali jew kundizzjoni oħra. Bl-emendi tal-2012 evidentement il-parametri għall-impunjazzjoni ta' testment minħabba inkapaċità testamentarja ġew estiżi biex titwessa' l-protezzjoni ta' persuni b'diżabilità.

Tqis illi mill-assjem tal-provi li ġew ippreżentati, ġie suffiċjentement ippruvat sal-grad illi trid il-liġi li t-testatriċi fil-ħin tat-testment li għamlet fit-13 ta' Mejju, 2014 kienet inkapaċi li tiddisponi b'testment għax kienet qed tbati minn diżordni mentali jew minn xi kundizzjoni oħra li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ta' ħwejjiġha.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta;**

2. **Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi stante li Josephine Camilleri ma kinitx kapaċi tagħmel it-testment tat-13 ta' Mejju, 2014 fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna, u dana minħabba fil-ħin tat-testment kienet qed tbati minn diżordni mentali jew min xi kundizzjoni oħra li għamlitha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha.**

3. **Tilqa' t-tieni talba attriċi u tħassar u tirrevoka l-imsemmi testament tat-13 ta' Mejju, 2014 u konsegwentement tordna l-komunika ta' din is-sentenza lin-Nutar Pubbliku Dr Anne Marie Tonna kif ukoll lin-Nutar tal-Gvern;**

4. **Tilqa' wkoll it-tielet talba tal-atturi u tordna lill-konvenuta sabiex fi żmien ħmistax mil-lum tirrestitwixxi lill-atturi sehemhom mill-assi ereditarji kollha, kemm mobbli kif ukoll immobbli, appartenenti lid-defunta Josephine Camilleri;**

5. **Tilqa' r-raba' talba attriċi u tordna li fin-nuqqas li l-konvenuta tirrestitwixxi lill-atturi sehemhom mill-imsemmija assi ereditarji, l-konvenuta għandha tħallas lill-atturi l-valur ta' sehemhom mill-assi ereditarji appartenenti lid-defunta Josephine Camilleri u għal dan l-iskop il-Qorti qiegħda taħtar lill-Perit Arkitett Marielouise Caruana Galea biex tagħmel stima tal-imsemmija assi ereditarji.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inkluż l-ispejjeż tal-perit tekniku, jibqgħu a karigu tal-konvenuta, bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv.**

Moqrija.